MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 184/1996/2

**Alfred Delia**

**vs**

**Louis Apap Bologna**

**Il-Qorti,**

Ir-rikorrenti f'din l-istanza qed jittanta r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi deciza finalment minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju 2003. Ir-rikors tieghu ghas-smiegh mill-gdid hu hekk redatt:-

"Illi fis-7 ta' Lulju 2003, din l-Onorabbli Qorti ddecidiet il-kawza fl-ismijiet Louis Apap Bologna vs Alfred Delia (RRB Rik. 184/96/JC) fejn ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza imsemmija ordna l-isgumbrament tal-esponent mill-fond

"Castor House", Quarries Street, Msida, u pprefeggietlu terminu ta' tlett xhur ghal dan il-ghan.

Illi sabiex waslet ghad-decizjoni taghha imsemmija din l-Onorabbli Qorti kellha tesamina kwistjoni dwar allegata morozita` fi hlas ta' kera da parte tal-esponent.

Illi in fatti din l-Onorabbli Qorti rrespingiet l-appel maghmul mill-esponent li kien qed jippretendi li ma kienx moruz ghaliex bejnu u l-intimat, alura sid il-kera tieghu, kien jesisti dissidju dwar awment ta' kera u cioe` jekk in effetti l-intimat kienx intitolat jimponi tali awment fil-konfront tal-esponent. L-esponent allura kien qed jippretendi li ma setax jintalab ihallas awment ta' kera li kienet qed tigi kkontestata fil-Qorti.

Illi din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza imsemmija kkunsidrat dan il-punt u esprimiet ruhha fl-ewwel parti tal-konsiderazzjonijiet taghha billi qalet; "Huwa pacifiku illi f'kaz li din id-difiza tinstab li hi fondata allura l-kerrej 'ma jiddekadix mid-dritt tieghu biex tigi lilu mgedda l-lokazzjoni' … … "

Illi pero' din l-Onorabbli Qorti sabet li ma kenux jesistu dawn ic-cirkostanzi **"… … essenzjalment id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Gunju1996 (fol 14) fil-kawza fejn l-istess partijiet jirrizulta li ir-rikorenti sid f'dik il-kawza kien qed jippretendi awment fil-kera bis-sahha tal-Artikolu 5 tal-Kap 158, gialdarba si trattava minn kirja ta' fond dekontrollat**". Kompliet din l-Onorabbli Qorti "**Kif afferma f'dik is-sentenza l-awment invokat mis-sid kien konformi ghal-ligi kemm ghal dak li hu awment kif ukoll ghal "punctum temporis" li fih setghet issir it-talba mis-sid, nonostante li kienet gia ghaddiet l-ewwel rilokazzjoni wara d-dhul in essere ta' l-Att XXIII ta' l-1979. Tali decizjoni ma kenitx xi "noviter deductus" gialadarba l-punt kien gia gie stabilit f'gurisprudenza anterjuri**."

Illi din l-Onorabbli Qorti kompliet biex ghamlet analogija mal-kaz fejn il-kera ma jkunx gie stabbilit minn Bord, u kkonkludiet li bhalma kien f'dak il-kaz l-inkwilin ma setax

taht dik il-preteza jirrifjuta li jhallas ebda kera sakemm tinqata' l-kawza.

Illi minhabba r-ragunijiet moghtija aktar 'l fuq l-esponent bir-rispett qed jinvoka l-operat tal-Artikolu 811 (h) u (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Illi huwa sottomess li din l-Onorabbli Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha fuq imsemmija minghajr ma tat l-applikazzjoni dovuta lis-sentenza definitiva tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Louis Apap Bologna vs Alfred Delia deciza fis-26 ta' Settembru 1994 (Avv. 4/94). F'dik is-sentenza, li allura taghmel stat bejn il-partijiet, il-Qorti kienet qalet "**Il-konvenut (Delia) qed jissottometti li l-kwistjoni dwar kwantum ta' kera ghad trid tigi deciza mill-Qorti ta' l-Appell. Jekk hu jhallas il-kera mitlub fl-avviz odjern hu jkun qed jirrikonoxxi l-pretensjoni tal-attur u jippregudika l-appell tieghu. Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara l-azzjoni attrici bhala intempestiva, u biex jigu evitati spejjes ta' kawza ohra tordna s-soprasessjoni ta' din il-Qorti sakemm tigi determinaa definittivament il-vertenza bejn il-partijiet fl-appell …"**.

Illi ghaldaqstant huwa bir-rispett sottomess li tenut kont il-linea li ghazlet din l-Onorabbli Qorti sabiex tittratta l-appell tal-esponent, u cjoe` li "**… … Il-pretiza tal-appellanti li ma jhallasx l-awment mitlub meta t-talba dwaru saret skond il-ligi ma tistax tiggiova lill-appellanti**", certament tali linea hija oggezzjonabbli a tenur tal-Artikolu 811(h) ghaliex tmur direttament kontra dak li gie deciz fil-konfront tal-kontendenti minn Qorti ohra.

Illi in oltre din il-linea ta' ragunament da parte ta' din l-Onorabbli Qorti tikkwalifika bhala zball a tenur tal-Artikolu 811 (l) ghaliex l-esistenza tas-sentenza definittiva tas-26 ta' Setttembru 1996 tesisti bhala fatt indiskutibbli fl-atti tal-kawza. Kkonfrontat dan il-fatt mal-asserzjonijiet maghmula minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha dwar id-doveri tal-esponent minkejja il-kontestazzjonijiet tieghu dwar l-awment fil-kera mitlub mill-intimat, huwa car

li dan il-fatt ma giex applikat mill-Onorabbli Qorti bhallikieku ma jesistix.

Illi zball iehor a tenur tal-Artikolu 911(l) tal-Kodici tal-Procedura Civili, li bir-rispett jirrisulta fil-konfront tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti li minnha qed tintalab ritrattazzjoni, hija l-analogija mislufa ta' dan il-kaz mal-kaz fejn ma tithallasx il-kera ghax ma gietx stabilita mill-Bord.

Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq espost dwar ir-raguni, guridikament rikonoxxut, li kellu l-esponent li ma jhallasx, bejn il-kontendenti ma kienx hemm dissidju procedurali, bhalma hemm fil-kazijiet imsemmija minn din l-Onorabbli Qorti, fejn ma jkunx hemm dubbju dwar x'jiftehmu il-partijiet fuq l-ammont tal-kera, imma jkun jonqos it-"timbru" tal-Bord.

Illi l-esponent ma kienx qed jirrifjuta li jhallas kera – kien qed jirrifjuta li jhallas il-kera kif awmentata. L-intimat kien qed jirrifjuta li jircievi kera minghand l-esponent jekk mhux bl-awment li kien qed jippretendi. Dan huwa fatt li johrog mill-atti processwali.

Id-differenza bejn il-fatt prospettat minn din l-Onorabbli Qorti u il-fatt reali, huwa sinfikattiv u rilevantissimu f'konsiderazzjoni dwar morosita` skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li joffri il-malleverija rikjesta minnhom bl-operat tal-Artikolu 249 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12), jaghmel piena referenza ghall-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet Louis Apap Bologna vs Alfred Delia (RRB Rik. 184/96 JC) deciza fis-7 ta' Lulju 2003 minn din l-Onorabbli Qorti, umilment jitlob li din l-istess Qorti joghgobha thassar l-imsemmija sentenza u tordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza ghar-ragunijiet moghtija fl-artikolu 811 (h) u (l) kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi."

Minn naha tieghu l-intimat ritrattat qed jikkontesta din it-talba tar-rikorrent fuq din il-bazi:-

“Illi t-talba tar-rikorrent ghar-ritrattazzjoni tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt. Huwa rilevanti li wiehed jattira l-attenzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti li fil-kaz prezenti sija l-Bord fl-ewwel istanza u dina l-Qorti fit-tieni istanza ddecidew il-kaz fl-istess mod.

Illi r-ritrattazzjoni qiegheda tintalab mir-rikorrent fuq il-bazi ta’ res judikata u ta’ zball li jidher mill-atti. Dwar ir-res judicata jidher evidenti li s-sentenza ghal liema kien jaghmel riferenza r-rikorrent, del resto sentenza ghal liema kien ghamel gja riferenza fil-proceduri quddiem il-Qorti u ghal liema ssir riferenza fis-sentenza ritrattanda, ma jikkostitwiex gudikat fis-sens li jrid jallega r-rikorrent. Il-gudikat jestendi biss ghall-punt deciz f’dak il-gudizzju u ghalxejn izjed. Bl-ebda mod ma hemm xi decizjoni f’dik is-sentenza li l-intimat ma kienx moruz fis-sens li trid il-ligi. U ghalhekk dik is-sentenza ma ghandha l-ebda effett jew rilevanza fuq id-decizjoni prezenti. Ghall-istess raguni l-argument tar-rikorrent li hemm zball li jirrizulta mill-atti ma huwa bl-ebda mod sostanzjat.

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell espressament dahlet fl-argument tar-rikorrent Alfred Delia li hu kien gustifikat biex ma josservax l-obbligu tieghu tal-hlas tal-kera; dan huwa l-istess argument li qieghed igib ab bazi tar-ritrattazzjoni tieghu fejn jallega li huwa kellu raguni li ma jhallasx. Il-Qorti dahlet fundituz f’dan l-argument u ddecidietu kontra l-istess Alfred Delia u ghalhekk issa mhux il-kaz li l-kwistjoni titqajjem mill-gdid. Ir-ritrattazzjoni ta’ Alfred Delia tikkonsisti biss fir-risottomissjoni ta’ l-istess argumenti li huwa gab quddiem dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell u fiz-zewg kazijiet gew michuda.

Ghalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett li ma hemm l-ebda bazi ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza u ghalhekk dina ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.”

Preambulari ghal konsiderazzjonijiet li jridu jsiru ma jidherx li jkun inopportun jekk jigi “ex abundantia cautelae”

ribadit illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa ta’ indoli straordinarja (**Kollez Vol XXIX pI p798**) u li r-regoli li jiggvernaw dan l-istitut huma ta’ interpretazzjoni strettissima (**Kollez Vol XXVII pI p818** u **Vol XLII pI p227**).

Dan premess, il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra l-motivi avvanzati mir-ritrattand fl-ordni minnu moghtija.

L-AGGRAVJU TAHT IS-SUBINCIZ (H) TA’ L-ART. 811, KAP. 12

Ir-ritrattand qed jinvoka t-thassir tas-sentenza ta’ din il-Qorti in kwantu fil-fehma tieghu “is-sentenza hi kuntrarja ghal sentenza ohra ta’ qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet f’gudikat, basta li l-eccezzjoni ta’ res judicata ma tkunx giet moghtija u deciza”. (subinciz “h”)

Ma hemmx dubju li fil-kaz in ezami l-ebda eccezzjoni ta’ res judicata ma giet sollevata u allura determinata, anke jekk ma jistax ma jigix ukoll osservat illi r-ritrattandi kien fil-pjena fakolta` li jqajjimha fl-istadji tal-kawza l-ohra. Dan anke ghaliex is-sentenza li ghaliha issa qed jaghmel referenza – dik tas-26 ta’ Settembru 1994 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Sede Civili, fil-kawza fl-ismijiet inversi – kienet certament maghrufa minnu.

Intant, minn ezami tal-kopja ta’ din is-sentenza (fol 86) hu kristallin illi:-

1. L-oggett tal-kawza (“eadem res”), u allura l-punt kontrovers ta’ dik is-sentenza hu distint minn dik tal-kawza inizzjata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fuq il-kawali tal-morozita`. F’dik is-sentenza kull ma gie ravvizat mill-Qorti tal-Magistrati kien il-fatt illi gjaladarba l-materja dwar il-kwantum tal-kera, determinat mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (18 ta’ Gunju 1993), kien ghadu ‘sub judice’ quddiem il-Qorti ta’ l-Appell id-domanda ghall-hlas tal-istess kera kellha titqies intempestiva in kwantu, mod iehor, dan kien jippregudika l-appell interpost mill-kerrej. Appell dan finalment deciz fil-25 ta’ Gunju 1996.

2. Evidentement allura l-invokazzjoni tar-res judicata ma tistax tkun attendibbli gjaladarba ma tirrizultax l-identita` tal-haga mitluba fil-kawza li kienet prezenti quddiem il-Bord, konfermata is-sentenza minnu moghtija in sede appell, u dik fil-kawza precedenti tal-Qorti tal-Magistrati (Ara **Kollez. Vol XXXIV pII p725**).

3. Iz-zewg kawzalijiet ghat-talba fiz-zewg proceduri huma allura toto coelo differenti u bl-ebda mod ma setghet tigi b’success avvanzata fic-cirkostanzi l-eccezzjoni tar-“res judicata”. Ara a propozitu f’dan l-istess sens is-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “**Ersilia Calleja et –vs- Franky Gambin**”, 21 ta’ Novembru 1997.

4. Tajjeb li jigi ribadit ukoll, anke ghaliex dan hu ormai pacifiku, illi l-“exceptio indicati” hija ta’ interpretazzjoni strettissima u f’kaz ta’ dubju l-gudikant ghandu jaqta’ kontra din l-eccezzjoni. (Kollez. **Vol XXIX pI p1155**; “**Adrian Busietta noe -vs- Marco Attard noe**”, Appell, 9 ta’ Frar 2001.

Dan stabbilit l-aggravju taht dan il-kap qieghed jigi ghalhekk respint.

<u>L-AGGRAVJU TAHT IS-SUBINCIZ (L) TAL-KAP 811, KAP. 12</u>

In virtu ta’ dan is-subinciz hemm lok ghar-ritrattazzjoni “jekk is-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza”. Ta’ massima importanza hu, imbaghad, l-proviso ta’ dan l-istess subinciz li jiddisponi illi “ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta’ xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza”.

Ir-ritrattand jadduci bhala motiv taht dan is-subinciz illi s-sentenza tiddifetta minhabba l-analogija mislufa ghal dan

il-kaz mal-kaz fejn ma tithallasx il-kera ghax din ma tkunx giet stabbilita mill-Bord. Huwa jissottometti illi bejn il-partijiet ma kienx hemm l-ebda kontroversja dwar hlas izda biss disputa dwar il-pretiza ta’ sid il-fond ghal hlas tal-kera awmentat.

Fuq din il-bazi l-aggravju tar-ritrattand huwa assolutament insostenibbli u anzi jfalli proprju minhabba l-konsiderazzjoni illi dak additat minnu ma jirrigwarda l-ebda zball oggettiv ta’ fatt izda biss interpretazzjoni ta’ dritt li saret mill-Qorti biex tissostanzja l-punt illi f’kull kaz il-kerrej ma setax legalment joqghod lura milli jhallas il-kera dovut meta l-awment kien prevvist bl-operat u s-setgha tal-ligi nnifisha.

Anke kieku ghall-grazzja tal-argoment kellu jinghad li l-Qorti uzat kriterju zbaljat dan ma kienx xi zball ta’ fatt kontemplat taht dan is-subinciz. Kif drabi ohra ravvizat, “f’dan il-kuntest giet elaborata l-gurisprudenza li kien jaghmel sewwa r-ritrattand li kieku pprova jissodisfa l-insenjament taghha” – “**Joseph Degabriele –vs- Pawlu Abela**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997.

Ibda biex, kif akkolt fis-sentenza riportata a **Vol XXV pI p137**, fuq l-insenjament tal-**Mattirolo** (“Diritto Giudiziario Civile Italiana”, Vol IV, Numru 897), “l’errore che puo` costituire motivo di ritrattazione dev’essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione, ed e necessario ancora che tale errore abbia determinato la decisione del giudice”. Insenjament dan amplifikat sew fis-sentenza a **Vol XXXVIII pI p323**.

Gja f’sentenza anterjuri qabel din l-ahhar imsemmija kien intqal b’mod mill-aktar preciz illi “l’errore di fatto, perche possa aprire l’adito alla ritrattazione, deve risultare dagli atti e dai documenti della causa e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante del semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante, perche l’apprezzamento e l’interpretazione del fatto costituiscono l’insindacabile convincimento del giudice” (**Kollez Vol XXVII pI p433**).

Taghlim dan approvat f'bosta decizjonijiet ohra, saz-zmenijiet recenti, kif manifest fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Gerada –vs- Avukat Dr. Antonio Caruana**", Appell, 28 ta' Jannar 1957, "**Isidoro Agius –vs- Giuseppa Bugeja et**", Appell, 13 ta' Gunju 1995, "**Maria Concetta Vella –vs- Federico Galea noe**", Appell, 20 ta' Novembru 1998 u "**John Zammit et –vs- Michael Zammit Tabona pro et noe**", Appell, 22 ta' Jannar 2001.

Kif gja espost, huwa car mis-sottomissjoni tar-ritrattand fuq dan l-aggravju illi hu mhux qieghed jadduci t-tip preciz ta' zball kif marbut mil-ligi taht is-subinciz (l). Fin-nuqqas allura l-proviso ta' dan l-istess subinciz jibqa' mhux sodisfatt. Li jfisser allura illi t-talba tar-ritrattand ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza fuq dan il-kap ukoll ma tistax tigi sorretta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad it-talba tar-ritrattand Alfred Delia ghar-revoka tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 2003 u ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza, bl-ispejjez kollha kontra l-istess ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------